# 216. It-Tajra u l-Fanal

Il-Fanal kien ilu jitlob
lit-tajra biex tgħollih ftit;
xtaq bħall-kewkba ta’ flgħaxija
jiddi fl-għoli bit-teptip.

U fl-aħħar qatgħetlu xewqtu,
– u ħalsitha tajjeb sħiħ! –
għaliex kif mill-art inqatgħet
u fil-għoli bdiet tgħollih,

Dan tar-riħ biż-żiffa perper
beda jaqbad, fjamma sar,
lilha qabbad u fil-għoli
saru t-tnejn ħuġġieġa nar.

Din tagħlima, din twiddibha,
ara sew ma’ min issiefer;
inti taħsbu raġel sewwa,
wara ssibu stramb u kiefer.